Nru. 81

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦALL-KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri

STONE VINE SUPPORTS (PERGOLA) U *IRRIGATION SYSTEM*,
TRIQ BUBAQRA,
BUBAQRA (limiti ta' Żurrieq)

(ara l-pjanta f'paġna 559) jistgħu jkunu ta' valur storiku u arkitettoniku ħekk li għandhom ikunu nklużi fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinsab fil-periklu li tiġi demolita, danneġġata jew distrutta.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward tal-proprjetà msemmija hawn fuq, skond artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) L-*istone vine supports* (*pergola*) u l-*irrigation system* għandhom jitqiesu bħala proprjetà ta' Grad 2, skond il-*Policy* UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura minħabba l-valur storiku u arkitettoniku tagħhom.

(ii) Ma jistgħux isiru alterazzjonijiet f'ebda parti ta' l-*istone vine supports* (*pergola*) u l-*irrigation system*.

(iii) Kull żvilupp, tibdil jew interventi oħra fuq il-proprjetà msemmija, li jistgħu jkunu bil-permess, għandu jiġi approvat minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien 6 xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetà tiġi demolita jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

It-30 ta' Jannar, 1996

No. 81

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act, 1992

THE Planning Authority believes that the following property, namely

STONE VINE SUPPORTS (PERGOLA) AND IRRIGATION SYSTEM,
TRIQ BUBAQRA,
BUBAQRA (limits of Żurrieq)

(see site plan on page 559) could be of architectural and historical value such that they should be listed as Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the property is in danger of being demolished, damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act.

(i) The stone vine supports (pergola) and irrigation system is to be considered as a Grade 2 property as per Structure Plan Policy UCO 7 by virtue of its architectural and historic value.


(ii) No alterations will be permitted to any part of stone vine supports (pergola) and irrigation system.

(iii) All developments, alterations or interventions on the above property, which might be permissible, must be approved in advance by the Planning Authority in consultation with the Museums Department.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this order.

If the property is demolished or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

30th January, 1996


STONE VINE SUPPORTS
& IRRIGATION SYSTEM
TRIQ BUBAQRA
BUBAQRA (I/o Zurrieq)
Scale 1:2500
Part of S.S. 5264
N
TRIQ IL-KBIR
TRIQ IN-NIGRET
TRIQ ROMEALI
TRIQ CALUS
TRIQ IT-TORRI
TRIQ TA' GIANTAR
VJAL INDIPENDENZA
TRIQ BUBAQRA
TRIQ SANTA MARIJA
TRIQ SAN GWANN
TRIQ SAN MARK
KWISJA